MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2009

Citazzjoni Numru. 295/2006

**A B**

**-vs-**

**C B**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-13 ta’ Settembru 2006 li permezz tiegħu l-attur ippremetta:

1. Illi l-attur issepara bonarjament minn mal-konvenuta permezz ta’ kuntratt fl-atti tan-Nutar Sandra Valentino datat 21 ta’ Marzu 2005 wara digriet numru ___/____ ta’ din l-Onorabbli Qorti;

2. Illi minn dan iż-żwieġ, l-attur u l-konvenuta kellhom tifel, D, minorenni li twieled fit-tnejn (2) ta’ Lulju tas-sena

elf disa' mija tlieta u disgħin (1993) – karta ta' l-identita' numru _____(M);

3. Illi fi klawsola 5 tal-kuntratt hawn fuq ċitat l-esponenti ntrabat li jħallas lill-konvenuta manteniment ta' għoxrin lira Maltija (Lm20) fil-ġimgħa bħala s-sehem tiegħu għall-manteniment tat-tifel;

4. Illi l-attur dejjem kien regolari fil-ħlas ta' dan il-manteniment;

5. Illi l-attur kien jaħdem ma' missieru ġo ħanut _____ pero' dan in-negozju ilu għaddej minn problemi finanzjarji għal iktar minn sena, u tul dan iż-żmien l-attur kien qed jirċievi biss paga minima. Din il-paga kienet qed tintuża sabiex, *oltre* l-ħlas tal-manteniment imsemmi, jitħallsu wkoll, nofs il-kera tad-dar fejn jgħix ma' missieru, nofs l-ispejjeż tad-dawl u ilma, spejjeż varji neċessarji għall-għixien tiegħu u tlieta u erbgħin lira Maltija (Lm43) fix-xahar sabiex jitħallas self fuq il-karozza;

6. Ftit xhur ilu, in vista ta' problemi finanzjarji, in-negozju ma baqax jopera u l-attur waqaf jaħdem fil-5 ta' Ġunju 2006 kif indikat mill-anness dokument tal-Korporazzjoni tax-Xogħol u t-Tariġ (Dok. B).

7. Illi minħabba d-diżabilita' fiżika tiegħu, li tillimitalu b'mod sostanzjali l-aċċess għal opportunitajiet ta' xogħol ġodda, l-attur għadu ma sabx impjieg ġdid u qiegħed jirreġistra regolarment mal-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ;

8. Illi minhabba dawn iċ-ċirkustanzi gravi, l-attur m'huwiex f'pożizzjoni li jibqa' jħallas dan il-manteniment;

9. Illi l-konvenuta rrifjutat li tagħraf dawn iċ-ċirkostanzi li sab ruhu fihom l-attur u baqgħet tinsisti għall-ħlas tal-manteniment għat-tifel fl-ammont ta' għoxrin lira Maltin (Lm20) fil-ġimgħa, liema ħlas għadu jsir regolarment mill-attur;

10. Illi għal din ir-raguni nbdew proċeduri ta’ medjazzjoni *ai termini* ta’ l-Avviz Legali 397 ta’ l-2003, permezz ta’ ittra datata 13 ta’ Ġunju 2006 u ppreżentata fil-15 ta’ Ġunju 2006 (Ittra nru. ___/__ GG) fejn il-mittenti talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tvarja u tnaqqas il-manteniment dovut minnu lit-tifel b’dan illi sakemm isib xogħol ġdid ma jkollux obbligu li jħallas manteniment għat-tifel, u wara li jsib xogħol ġdid l-obbligu għall-manteniment jerġa’ jiskatta skond il-kundizzjonijiet tax-xogħol li jkun sab il-mittenti;

11. Illi kif jidher min-nota tal-medjatur Godwin Genovese tat-2 ta’ Awissu 2006 il-medjazzjoni ma seħħitx;

12. Illi permezz ta’ Digriet ____/__ tat-3 ta’ Awissu 2006, din l-Onorabbli Qorti ddikjarat il-medjazzjoni magħluqa u awtorizzat lill-attur jipproċedi b’kawża;

13. Illi għalhekk kellha tinfetaħ din il-kawża;

14. Illi dawn il-fatti, l-esponenti jafhom huwa personalment;

Għaldaqstant, tgħid il-konvenuta għaliex m’għandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni xierqa u opportuna:

1. Tiddikjara li hemm raġunijiet validi min-naħa ta’ l-attur, li jiġġustifikaw is-sospensjoni, tnaqqis jew varjazzjoni tal-manteniment mogħti lill-konvenuta tat-tifel minuri;

2. Tissospendi, tnaqqas jew tvarja l-għoti tal-manteniment għal dak il-perjodu li l-attur idum mingħajr impjieg, u fil-każ ta’ tnaqqis jew varjazzjoni, skond dik is-somma li fl-opinjoni ta’ din l-Onorabbli Qorti tkun ġusta u opportuna;

3. Tiddikjara illi meta l-attur sab impjieg ġdid, l-obbligu għall-manteniment jerġa’ jiskatta biss skond il-kundizzjonijiet tax-xogħol ġdid li jkun sab l-attur.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa ta’ l-attur u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata, ppreżentata fis-17 ta’ Ottubru 2006, li permezz tagħha l-konvenuta eċċepiet bir-rispett:

1. Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

2. Illi l-attur telaq lil martu u lil ibnu D peress li qal li issa skopra li kellu tendenzi omosesswali, u ġia’ sa minn *circa* xahar wara li sar il-kuntratt ta’ separazzjoni ried jieqaf iħallas il-manteniment miżeru ta’ Lm20.00 fil-ġimgħa għal ibnu minuri li llum għandu (13) tlettax-il sena. Dan il-manteniment miżeru suppost jibqa’ jitħallas sakemm it-tifel jagħlaq (18) tmintax, ċioe’ biss (5) ħames snin oħra jew sakemm jibda jaħdem, liema minnhom tiġi l-ewwel;

3. Illi mhux minnu li l-attur baqa’ jħallas il-manteniment dovut tant li mit-18 ta’ Settembru 2006 hu unilateralment naqqas il-manteniment tat-tifel għal Lm10.00 fil-ġimgħa.

4. Illi l-manteniment għalkemm suppost jiżdied kull sena skond iż-żieda fl-għoli tal-ħajja, fil-fatt mill-21 ta’ Marzu 2005 (data tal-kuntratt) sal-lum qatt ma żdied (klawsola 5.iii.c tal-kuntratt). L-istess klawsola tgħid li *“F’każ li r-ragel jieqaf jaħdem għal raġuni mhux attribwibbli lilu l-manteniment jiġi ridott għal Lm10 fil-ġimgħa ...”.* Minn dak indikat miċ-ċitazzjoni l-attur donnu lanqas dawn ma jrid iħallas. Hu jrid jibdel għal kollox il-modalita’ ta’ din il-klawsola dwar il-manteniment ħaġa li ma jistax jagħmel.

5. Illi missier il-konvenuta kien ta lil bintu id-dar matrimonjali b’rigal, l-att ta’ donazzjoni kien isejjaħ liż-żewġ partijiet u minħabba f’hekk ir-raġel ingħata mill-mara l-ammont ta’ Lm26,116.82 sabiex is-separazzjoni ssir bonarjament – hi kienet taf li setgħet tinsisti li dik kienet biss donazzjoni minn missierha lilha għaż-żwieġ. L-attur ingħata ukoll Lm9,000.

6. Illi n-negozju li fiċ-ċitazzjoni huwa msemmi li jappartjeni lill-missier l-attur fil-fatt huwa ta' l-attur innifsu tant li n-numru ta' reġistrazzjoni tal-VAT isejjaħ lill-attur u mhux lil missieru. Il-qliegħ mill-ħanut ukoll hu reġistrat fuq l-attur u mhux fuq missieru. Dan jista' jirriżulta wkoll mir-*returns* ta' l-Income Tax.

7. Illi għalhekk it-temm ta' l-impjieg ta' l-attur huwa wieħed fittizju magħmul biss għall-iskop ta' din il-kawża, tant li l-attur fil-fatt għandu jattendi fl-istess ħanut kif jista' jikkonferma t-tifel tal-partijiet li għandu 13-il sena. Konfrontat b'dan il-fatt l-attur qal li fil-fatt hemm imur biex jgħid lil missieru fin-negozju u senza interessi.

8. Illi intant l-attur għandu jiffrekwenta *bars* u attivitajiet soċjali oħra li jiswewh flus, juża karozza li għadu jħallas jixtri *petrol* u juża *mobile phone* għal SMS, pero' ħin u flus għal ibnu jgħid li ma għandux.

9. Illi intant il-bżonnijiet tat-tifel qegħdin jikbru u mhux jiċkienu. Għat-tifel l-omm tqis li tonfoq madwar *circa* Lm70 fil-ġimgħa meta kalkolat fuq medda ta' sena.

10. Illi b'hekk it-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

11. Illi intant Lm20.00 għandu jkun il-minimu li missier għandu jiġi permess li jħallas għat-tifel tiegħu.

Bl-ispejjeż kontra l-attur imsejjaħ jidher għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenuta u l-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavits tal-partijiet u semgħethom in kontro-eżami;

Semgħet lix-xhieda prodotti mill-partijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta' April 2009 li permezz tiegħu l-kawza tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Kif jidher mir-rikors promotur l-attur qed jitlob modifika tal-kuntratt ta’ separazzjoni li l-partijiet ikkonkludew fl-2005 in atti Nutar Sandra Valentino u senjatament dawk li jirrigwardjaw il-manteniment li huwa pattwit li jħallas għall-istess minuri.

Il-Qorti jidhrilha li t-talba attriċi hija għal kollox nieqsa minn fundament ġuridiku għaliex il-Qrati tagħna sa minn żmien Sir Adriano Dingli (Vol 9 paġna 463) dejjem irritenew illi manteniment iffissat minn kuntratt ta’ separazzjoni ma jistax jiġi varjat, differentement minn dak iffissat mill-Qorti. Dan il-punt ġie konfermat diversi drabi anke per eżempju taħt il-presidenza ta’ Sir Arturo Mercieca fis-26 ta’ Ottubru 1937 fejn intqal illi l-leġislatur ried jagħti lis-separazzjoni personali konsenswali in-natura ta’ veru kuntratt b’mod li l-pattijiet li jsiru fiha ma jistgħux jiġu mibdula mingħajr il-kunsens komuni tal-partijiet … il-klawsola dwar l-alimenti ma tistax tiġi modifikata mill-Qorti jekk ikun hemm oppożizzjoni minn waħda mill-partijet. (Vol 29.1.1121) Il-Qorti ma tħossx li għanda tissofferma iktar fuq dan il-punt fit-tul u tagħmel biss riferenza għas-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell fl-ismijiet **“Alfred Grech vs Pauline Grech”** deċiża fis-16 ta’ April 2004, fejn din il-kwistjoni ġiet spjegata fit-tul. Hemmhekk il-Qorti filwaqt li kkonċediet li l-pożizzjoni tal-Qrati tagħna fir-rigward ma baqgħetx daqshekk riġida, ukoll ikkonkludiet li hemm differenza f’dan ir-rigward bejn manteniment miftiehem f’kuntratt ta’ separazzjoni għal wieħed impost mill-Qorti. Il-Qorti tippuntwalizza wkoll illi l-prinċipju *ad impossibilia nemo tenetur* ma japplikax fejn l-attur għalkemm disokkuppat xorta jipperċepixxi introjtu bħal fil-każ odjern u *oltre* dan l-obligu li wieħed imantni lil uliedu ma joħroġx mill-fatt li wiehed ikun jaħdem iżda mill-istess liġi – ara s-sentenza **“Tabone vs Tabone”** (Prim’ Awla – 3 ta Ottubru 2003). L-introjtu ta’ l-attur mill-benefiċċji soċjali *sia pure* limitat, jippermettilu żgur li jħallas l-ammont żgħir ta’ manteniment illi obligat iħallas għal ibnu.

F’kull każ il-Qorti m’hija konvinta xejn minn dak li qal l-attur, u ċioe’ li huwa jkun fil-ħanut ta’ missieru sempliċement biex jgħinu, u li ma huwa qed jaqla’ xejn

minn dan. Jidher ċar ħafna għall-Qorti li l-attur, bl-iskop li jevita li jħallas manteniment għal ibnu ħa ħsieb idawwar il-permess tal-ħanut fuq missieru – raġel ta' tlieta u sebgħin (73) sena, meta hu ovvju li hu għadu jiflah għax-xogħol iktar mill-istess missieru li huwa raġel anzjan.

**Għal dawn il-motivi il-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta u tiċħad it-talbiet attriċi; l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-attur.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------